MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Numru. 612/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**Vs**

**Alfred Zahra**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Alfred Zahra ta' 24 sena, iben Emanuel u Jane nee` Caruana, u residenti 35, Triq Sant Anglu, Zejtun u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 579677 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

Dawn l-ahhar xhur qabel it-8 ta' Awissu 2002 ikkometta serq ta` oggetti mill-fond 37, Triq Sant Anglu, Zejtun liema

valur jeccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda mhux aktar minn Lm100 ghad-detriment ta` Francesco Saverio Muscat, aktar talli kellu fil-pussess tieghu hwejjeg misruqa minghajr ma ta kont sodisfacenti ta` kif kienu gew legittament ghandu. Barra minn dan talli hu recidiv b`sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li gew definittivi fit-3.11.2000 mill-Magistrat M. Hayman LL.D. u b`sentenza definittiva fil-5.4.2002 tal-Magistrat A. Lofaro LL.D. liema sentenzi huma ta` habs sospiz.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat rritorna r-rifurtiva lil vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li jikkommettix reat iehor sa zmien disa' xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------